

## IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

### Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tad-9 ta' Ġunju 2010 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-56/09) <sup>(1)</sup>

*(Servizz pubbliku — Uffiċjali — Rikors għad-danni — Aċċess tal-amministrazzjoni għar-residenza ta' uffiċjal ipprovduta lil minn min kien jimpjegah — Rispett tad-domiċilju u tal-ħajja privata)*

(2010/C 221/95)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

#### Partijiet

Rikorrent: Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentanti: G. Cipressa, sussegwentement G. Cipressa u L. Mansullo, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u C. Berardis-Kayser, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

#### Suġġett

Annulament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba tar-rikorrent li għandha bħala suġġett, minn naħa, kumpens għad-danni allegatament subiti minħabba l-fatt li membri tal-persunal tal-Kummissjoni daħlu fir-residenza pprovduta lil minn min kien jimpjegah f'Luanda fit-8 ta' April 2002 u, min-naħa l-oħra, in-notifika tal-kopji tar-ritratti meħuda f'dik l-okkażjoni u l-qerda tad-dokumentazzjoni kollha relatata ma' dan l-avveniment.

#### Dispożittiv

- (1) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tħallas lil L. Marcuccio s-somma ta' EUR 5 000.
- (2) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Settembru 2008, inkwantu ċaħdet it-talba ta' L. Marcuccio tal-24 ta' April 2008, intiża għan-notifika tar-ritratti, għall-qerda tagħhom u għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar din il-qerda, hija annullata.
- (3) Il-kumpliment tat-talbiet tar-rikors huwa miċħud.
- (4) Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, kwart tal-ispejjeż ta' L. Marcuccio.

(5) L. Marcuccio għandu jbati tliet kwarti tal-ispejjeż tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 205, 29.8.2009, p. 48.

### Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2010 — Kaser vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-45/10)

(2010/C 221/96)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: Ferdinand Kaser (Brussell, il-Belġju) (rappreżentant: M. Schober, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

#### Suġġett

L-ewwel nett, l-annulament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea CMS 07/046 li tneħħi lir-rikorrent mill-kariga tiegħu, mingħajr tnaqqis tad-drittijiet ta' pensjoni, b'effett mill-15 ta' Awwissu 2009 u l-annulament tad-deċiżjonijiet kollha meħuda kontra r-rikorrent matul Settembru 2003 sakemm tneħħa mill-kariga u, it-tieni nett, talba għad-danni.

#### Talbiet tar-rikorrent

Ir-rikorrent jitlob lit-Tribunal tas-Servizz Pubbliku jogħġbu:

- jannulla d-Deċiżjoni CMS 07/046 minħabba fastidju, amministrazzjoni żbaljata u abbuż tad-dritt fundamentali għal smigħ;
- jannulla d-deċiżjonijiet kollha meħuda mill-Awtorità tal-Ħatra kontra r-rikorrent matul il-perijodu bejn Settembru 2003 sakemm tneħħa mill-kariga tiegħu minħabba fastidju u amministrazzjoni żbaljata minħabba l-abbuż tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ;
- jawtorizza s-smigħ tar-rikorrent skont l-Artikolu 7(1) u l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, u jirreferi għat-talbiet imressqa fi Frar 2008 u f'Marzu 2008;

— jagħti kumpens simboliku ta' EUR 1 lir-rikorrent bħala kumpens għad-dannu psikoloġiku u professjonali li huwa sofra kif espost fl-ilment preżenti, inkwantu l-għan ta' tali ilment mhuwiex li jingħataw flus iżda r-rikonoxximent tad-dinjità u r-reputazzjoni professjonali tar-rikorrent.

**Rikors ippreżentat fit-18 ta' Ġunju 2010 — Hecq vs Il-Kummissjoni**

(Kawża F-47/10)

(2010/C 221/97)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: André Hecq (Chaumont-Gistoux, il-Belġju) (rappreżentant: L. Vogel, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni li jirrifjutaw li jirrikonoxxu lir-rikorrent l-invalidità parzjali permanenti fis-sens tal-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal u li jqiegħdu akkarigu ta' dan tal-aħħar parti mill-ispejjeż u onorarji mediċi sostnuti matul ix-xogħlijiet tal-kumitat mediku.

**Talbiet tar-rikorrent**

— Tannulla d-deċiżjoni adottata mill-Awtorità tal-Ħatra fil-5 ta' Marzu 2010 (u nnotifikata b'ittra elettronika tat-8 ta' Marzu 2010), li permezz tagħha ġie miċħud l-ilment ippreżentat mir-rikorrent, fid-9 ta' Diċembru 2009, kontra żewġ deċiżjonijiet amministrattivi, tas-7 ta' Settembru 2009, li rispettivament jirrifjutaw li jirrikonoxxu lir-rikorrent, b'mod definittiv, xi kwalunkwe invalidità, fil-kuntest tal-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal, u li barra minn hekk jimponu fuq ir-rikorrent li jbati nofs l-ispejjeż u onorarji tat-tabib li kien ippresjeda l-kumitat mediku, sa ammont ta' EUR 500 (ulterjorment imnaqqas għal EUR 300), u li jbati wkoll it-totalità (imbagħad iktar tard, perċentwali ta' 60 %) tal-ispejjeż u onorarji tat-tabib li kien irrapreżentat fil-kuntest tax-xogħlijiet tal-imsemmi kumitat mediku;

— tannulla wkoll l-imsemmija deċiżjonijiet tas-7 ta' Settembru 2009;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fl-24 ta' Ġunju 2010 — De Nicola vs BEI**

(Kawża F-49/10)

(2010/C 221/98)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

Rikorrent: Carlo De Nicola (Strassen, il-Lussemburgu) (rappreżentant: L. Isola, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ewropew tal-Investment

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni kkomunikata lir-rikorrent fil-11 ta' Mejju 2010 sa fejn hija, essenzjalment, tostakola t-tentattiv ta' ftehim bonarju tal-kawża billi tiċħad, b'mod impliċitu, it-talba għall-ħlas lura ta' spiża mediċali li tirrigwarda terapija bil-laser, u l-kundanna tal-konvenut sabiex iħallas lura lir-rikorrent is-somma ta' EUR 3 000, flimkien mal-interess u l-evalwazzjoni mill-ġdid monetarja fuq is-somom irrikonoxxuti.

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-deċiżjoni kkomunikata permezz ta' posta elettronica tal-11 ta' Mejju 2010;

— tikkundanna lill-BEI iħallas lura lir-rikorrent is-somma ta' EUR 3 000, għal terapija bil-laser imwettqa fl-2007, flimkien ma' kumpens għad-dannu li jirriżulta mill-iżvalutazzjoni monetarja u interess fuq is-somom irrikonoxxuti;

— tikundanna lill-BEI għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2010 — Merhzaoui vs Il-Kunsill**

(Kawża F-52/10)

(2010/C 221/99)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Mohamed Merhzaoui (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, E. Marchal, avukati)